MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 257/2004

**Il-Pulizija**

**Vs**
Rita Borg

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Gunju, 2004 u fix-xhur ta' qabel, f'B'Kara, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi w jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-31 ta' Jannar, 2004 u fil-jiem ta' wara, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandha, fixklet lil zewgha Joseph Borg, fil-pussess ta' hwejgu, li jinsabu fid-dar matrimonjali "Rosewood", Triq F. Zahra, B'Kara.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Novembru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 85 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, sabet lill-imputata hatja izda lliberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahar.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat tat-18 ta' Novembru, 2004, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Semghet ix-xhieda ta’ Joseph Borg u tal-appellanti fis-seduta tal-lum.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti li minnha jirrizulta li diga nghatat il-beneficcju ta’ liberazzjoni kondizzjonata fuq akkuza simili.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat :

Illi mill-istess xhieda tal-appellanti llum jidher li jezistu l-elementi kollha biex jinkwadra ruhu r-reat ta’ ragonfattasi w ghalhekk dan l-appell jirrezenta l-appell frivolu.

Konsegwentement tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------